MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 650/2002

**Maria Concetta Pons, Maria Vincenza Brincat, Josephine Breckon u Alducia Noden ilkoll ahwa Pons**

**Vs**

**Carmelo Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux:-

1. il-konvenut jigi kundannat jivvaka l-propjeta' ossia ghalqa li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala Habel Qaws jew Kattus fi Triq Xorb l-Ghagin, limiti taz-Zejtun, stante illi qed tigi okkupata abbusivament mill-konvenut minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

2. tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-imsemmija ghalqa u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri interpellatorji datati 12 ta’ Gunju 2002 u 25 ta’ Gunju 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju ma jeccedix tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 14 tal-atti) li bih eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi eccepit il-lis alibi pendens stante li tezisti kawza ohra bejn l-istess partijiet fuq l-istess martu u li ghadha pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili Citazzjoni 575/1995/2 GC.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u subordinatament fil-mertu jigi eccepit u l-atturi mhumiex sidien ta’ l-ghalqa in kwistjoni.
3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 12, fol 13, fol 15, fol 16 u fol 17 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel eccezzjoni li hi ta’ natura preliminari u bazata fuq l-artikoli 792 sa 794 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti kienet ordnat illi “…. Vera kopja tac-citazzjoni u tal-eccezzjonijiet u tar-rikors u digriet relattiv li bih il-konvenut odjern gie kjamat in kawza fic-citazzjoni msemmija fl-istess eccezzjoni’ jigu esebiti mill-konvenut liema ordni kienet inghatat permezz ta’ digriet moghti fit-3 ta’ Novembru 2003. Sallum il-konvenut ma ottemprax ruhu ma din l-ordni, avolja kien inghata diversi differimenti ghal dan l-iskop.

Illi, fid-dawl ta’ dan in-nuqqas, din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ ‘lis alibi pendens’ u tordna li dan il-kaz jitkompla jinstema u jigi decis fil-meritu waqt li tigi konsiderata l-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-konvenut.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------